MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Numru 1154/2008

PULIZIJA
SPETTUR ARTHUR MERCIECA
VS
ALFRED PSAILA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfred Psaila ta’ 63 sena iben Guzeppi u Karmena nee’ Axisa, imwieled Zejtun fit-30 ta’ Lulju 1944, residenti 5, Triq Santa Cecilja, Zejtun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 682244(M).

Illi huwa akkuzat talli fid-29 ta’ Mejju 2008 ghal habta ta’ 23:00hrs gewwa z-Zejtun minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Michael Abela skond kif iccertifika Dr. Christa Calleja MD 5075 mill-Isptar Mater Dei;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Zejtun, hebb ghall-imsemmi Michael Abela sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat:

Illi fil-mori tal-kawza l-Ufficjal Prosekutur informa lil Qorti illi l-imputat kien miet u pprezenta c-certifikat tal-mewt ta’ Alfred Psaila Dok.XY

Illi ghal dan il-motiv, il-Qorti tiddikjara l-procediment estint.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------